MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 182/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Jonathan Felice**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra *omissis*, Jonathan Felice u *omissis* talli:

Fis-7 ta’ Gunju 2006 ghall-habta tas-2.00 ta’ filghodu bil-hsieb li jikkommettu serq mill-hanut bl-isem ‘Convoy Bar’ sitwat fil-Qasam Industrijali ta’ Hal-Luqa wrew dan il-hsieb billi b’atti esterni taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt;

liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku dan is-serq sehh kien ikun aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) u bil-hin;

Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ Martin Degabriele liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500);

Lil Jonathan Felice wahdu talli fis-7 ta’ Gunju 2006 ghall-habta tas-2.00 ta’ filghodu u fix-xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer saq vettura ta’ l-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni IAJ-623 minghajr licenzja mahruga f’ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` tat-Trasport ta’ Malta;

B’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta` jew garanzija ta’ terzi persuni bi ksur tal-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Lil *omissis* u Jonathan Felice wahidhom bhala persuni li ftehmu jew accettaw li jbieghu jew jixtru vettura ta’ l-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni IAJ-623 naqsu li jaghtu avviz bil-miktub fi zmien sebat ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita` tat-Trasport ta’ Malta dwar il-bidla tas-sid jew twellija ta’ l-imsemmija vettura;

Lil *omissis* u Jonathan Felice wahidhom talli saru recidivi ai termini ta’ l-Artikoli 49,50 u 289(1).

Il-Qorti giet gentilment mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mil-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 15 (1)(a)(b)(2)(3) tal-Kap. 65, u tiskwalifika lil *omissis* kif ukoll lil Jonathan Felice mil-licenzji kollha tas-sewqan ghal perijodu ta’ mhux anqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lil Jonathan Felice hati ta’ l-

imputazzjoni li huwa ftiehem jew accetta li jbiegh jew jixtri vettura minghajr ma avza bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita` tat-Trasport u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-2 ta' Mejju 2007, u senjatament l-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 267, 270, 276, 277, 278, 279, 325, 17, 31, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 u 3(1)(2) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu tmintax-il xahar prigunerija u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Jonathan Felice pprezentat fis-26 ta' April 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-imputazzjoni li huwa ftiehem jew accetta li jbiegh jew jixtri vettura minghajr ma avza bil-miktub lil Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita` tat-Trasport, filwaqt li thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn instabet hati u b'hekk tilliberah mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha li kien instab hati fuqhom;

Rat il-verbal ta' Dottor Edward Gatt f'isem l-appellant Jonathan Felice fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2010 li permezz tieghu rtira l-aggravju dwar il-mertu u zamm ferm l-aggravju dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant Jonathan Felice huma fil-qosor is-segwenti: (1) li ma kellux jinstab hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti, (2) li ma jistax jinstab hati ta' recidiva darbtejn, u (3) li huwa qatt ma nghata l-opportunita` jirriforma ruhu u hlief ghal perijodu ta' probation qatt ma nghata sentenza sospiza.

Fis-seduta tad-19 ta’ Lulju 2010 l-Avukat Dott. Edward Gatt ghall-appellant Jonathan Felice rtira l-aggravju dwar il-mertu izda zamm ferm l-aggravji l-ohra li jirrigwardaw il-piena. Ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel aggravju u se tikkunsidra l-aggravji l-ohra *seriatim*.

Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jikkontendi li ma jistax jinsab hati ta’ recidiva darbtejn fuq l-istess sentenza. Jghid illi diga` nstab hati ta’ recidiva fuq l-istess sentenza fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-29 ta’ Jannar 2010. Jghid illi hemm diversi sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell li jghidu li persuna tista’ tinsab hatja ta’ recidiva a rigward ta’ sentenza partikolari darba wahda biss. L-appellant pero` m’ghandux ragun. Jekk persuna hi recidiva ai termini ta’ l-artikolu 49 tal-Kap. 9, hija tibqa’ hekk recidiva u l-effett tar-recidiva f’delitt skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9 ikun applikabbli f’kull kaz li jaqa’ fit-termini msemmija f’dak l-artikolu. Dak li s-sentenzi ta’ din il-Qorti jghidu hu li sentenza sospiza ta’ prigunerija tista’ tigi reza effettiva darba biss.

Issa, f’dan il-kaz l-appellant gie akkuzat li sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u nstab hati taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9. Is-sentenza li giet prodotta bhala prova tar-recidiva hi dik tad-19 ta’ April 2006 li permezz taghha kien instab hati ta’ sewqan ta’ vettura minghajr licenzja u minghajr assigurazzjoni u talli naqas li jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-bidla tas-sid ta’ vettura. Ghal dawn ir-reati gie kkundannat multa ta’ Lm200. Imbaghad is-sentenza citata mill-appellant, u cioe` dik tad-29 ta’ Jannar 2010 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), m’ghandha x’taqsam xejn peress illi hemm l-appellant lanqas ma gie akkuzat b’recidiva izda li kiser il-provvediment ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 8 ta’ Lulju 2004. Hawn ukoll, li kieku b’dik is-sentenza tad-29 ta’ Jannar 2010 il-Qorti tal-Magistrati ttrattat ma’ l-imputat bhallikieku kien ghadu kemm instab hati tar-reati li dwarhom huwa tqieghed taht *probation* billi kkundannatu ghal perijodu ta’ prigunerija, allura ma kienx ikun jista’ jerga’ jigi

kkundannat ghal dawk l-istess reati. Izda fil-kaz odjern, kif inghad, l-appellant ma giex akkuzat bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446. Ghalhekk it-tieni aggravju huwa michud.

Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jghid illi qatt ma nghata opportunita` jirriforma ruhu u f'dan il-kaz kellu jinghata piena ta' sentenza sospiza. L-ewwelnett din il-Qorti tosserva, minn dak li jirrizulta almenu *prima facie* mill-fedina penali aggornata tieghu, illi fit-8 ta' Lulju 2004 l-appellant kien tqieghed taht *probation* ghal perijodu ta' sena. Pero` bis-sentenza precitata tad-29 ta' Jannar 2010 instab hati talli fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' April 2005 huwa kkommetta serq minn go vettura u ghamel hsara fl-istess vettura. Instab hati wkoll ta' ksur tal-*probation*. Sfortunatament imbaghad tirrizulta sensiela shiha ta' reati li dwarhom gie kkundannat sentejn prigunerija b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Ottubru 2006. Fis-16 ta' April 2007 instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) dwar pussess tar-raza tal-cannabis fit-3 ta' Jannar 2006 u nghata *conditional discharge* ghal perijodu ta' disa' xhur. Bl-imsemmija sentenza tad-29 ta' Jannar 2010 il-Qorti ttrattat ma' l-imputat ghall-ksur tal-*probation* billi estendietlu t-terminu ta' *probation* b'sena. Jigifieri l-appellant inghata opportunitajiet biex jirriforma ruhu izda xorta ghazel li jibqa' ghaddej bil-hajja refrattarja tieghu. Ghalkemm huwa minnu li ghadu qatt ma nghata sentenza sospiza ta' prigunerija, din il-Qorti trid tkun sodisfatta li huwa xieraq li tittratta mieghu b'dak il-mod u li ghandu l-motivazzjoni mehtiega sabiex tittratta mieghu b'dak il-mod. Fi kwalunkwe kaz hija l-ligi stess li tipprekludi lil din il-Qorti milli tittratta mieghu b'sentenza sospiza ta' prigunerija. L-artikolu 28A(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi tassattivament:

**"(7) Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin -**

**(*a*) meta l-ikkundannat ikun digà qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija;**

**(*b*) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50".**

L-appellant qieghed fil-prezent jiskonta sentenza ta' prigunerija u inoltre huwa nstab hati ta' recidiva skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk anke t-talba tieghu biex jibbenefika minn sentenza sospiza ta' prigunerija ma tistax tigi milqugha.

Kwantu ghall-*quantum* tal-piena, mis-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti kkunsidrat li din ma kinitx l-ewwel darba li l-appellant kiser dufrejh mal-gustizzja kif ukoll li huwa ma kkooperax mal-Pulizija, izda kkunsidrat ukoll "li fid-data meta huwa kkommetta r-reati li taghhom huwa qed jinstab hati huwa kellu sbatax-il sena u kien ghalhekk minorenni." Difatti, fost l-artikoli minnha citati hemm ukoll l-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tippermetti lill-Qorti tnaqqas il-piena bi grad jew tnejn.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, pero`, nonostante li l-ewwel Qorti rreferiet ghall-fatt li l-appellant kien ghadu minorenni u ghalhekk kien applikabbli l-artikolu 37 tal-Kap. 9, meta giet biex tiddetermina l-*quantum* tal-piena ma zammitx proporzjon mal-konsiderazzjonijiet li ghamlet fir-rigward tal-ko-imputat Etienne Mizzi u l-piena fuqu nflitta. Wara kollox, jekk din ma kinitx l-ewwel darba li l-appellant Felice kiser dufrejh mal-ligi, wisq anqas ma' kienet l-ewwel darba ghall-ko-imputat Mizzi. Irid jinghad li l-kaz li ta lok ghall-imputazzjoni ta' recidiva u li nstab hati taghha l-appellant Felice, kien il-kaz suriferit deciz fid-19 ta' April 2006 li permezz tieghu kien instab hati ta' sewqan ta' vettura minghajr licenzja u minghajr assigurazzjoni u talli naqas li jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-bidla tas-sid ta' vettura, u li dwaru kien gie kkundannat multa ta' Lm200. Huwa minnu wkoll li fil-kaz ta' Mizzi kien hemm rakkomandazzjonijiet favorevoli mill-ufficjal tal-*probation* filwaqt illi fil-kaz ta' l-appellant Felice ma kien hemm xejn, izda fil-kaz ta' l-appellant Felice hemm il-ligi li takkordalu l-beneficcju ta' tnaqqis fil-piena minn grad sa tnejn. Kwindi, mill-komputazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti, hi tal-fehma li kien intitolat ghall-istess piena li giet inflitta fuq Mizzi u cioe tlettax-il xahar prigunerija.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannatu tmintax-il xahar prigunerija u minflok tikkundannah tlettax-il xahar prigunerija, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------